MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2007

Numru. 367/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Anthony Cauchi bin Manweli u Mary nee' Formosa, imwieled fit-28 ta' Lulju, 1945 u residenti "Sunset", Triq Karmni Grima, Gharb, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 66645(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Anthony Cauchi li gie akkuzat talli bejn is-16/03/2007 u s-17/03/2007 fl-Gharb, Ghawdex, bhala l-persuna licenzjata biex ikollu fil-pussess tieghu u jzomm fil-fond Sunset, Triq Karmni Grma, Ghawdex senter tal-marka Luigi Franchi Seriel Number 68651, naqas li jzomm din l-arma tan-nar fil-

kustodja tieghu b’tali mod li din ma tigix f’idejn haddiehor u dan bi ksur tal-Artikolu 47 (1) tal-Kap 480:

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni;

Semghet il-provi;

Billi jirrizulta illi l-imputat zamm l-arma in kwistjoni msakkra u li kien biss ghaliex huwa safa derubat liema serq sar bi sgass illi l-arma ttiehdet mill-kustodja tieghu u mhux ghaliex huwa naqas minn jeddu milli jzommha taht il-kustodja tieghu;

Il-Qorti rat l-Artikolu 47 (1);

L-akkuza ma tirrizultax u ghalhekk tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------